



Brussell, 12 ta' Mejju 2026
(OR. en)

8562/26

LIMITE

COPEN 151

COTER 64

CT 58

ENFOPOL 144

JAI 491

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll li jemenda l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni tat-Terroriżmu

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/...

ta' ...

**dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea,
tal-Protokoll li jemenda**

l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni tat-Terroriżmu

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 83(1), flimkien mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew¹,

¹ L-Approvazzjoni ta' ... (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

Billi:

- (1) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE)2026/...²⁺, il-Protokoll li jemenda l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni tat-Terroriżmu (il-“Protokoll”) ġie ffirmat fi ...⁺⁺, f'isem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni tiegħu.
- (2) Il-Protokoll huwa konsistenti mal-objettivi tas-sigurtà tal-Unjoni kif imsemmi fl-Artikolu 67(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), jiġifieri permezz tal-approssimazzjoni tal-liġijiet kriminali biex jiġi żgurat livell għoli ta' sigurtà għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità, inkluż it-terroriżmu.
- (3) Il-Protokoll jemenda l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni tat-Terroriżmu (il-“Konvenzjoni”) billi jemenda d-definizzjoni ta' "reati terroristiċi" stabbilita fl-Artikolu 1 tagħha (“id-definizzjoni emendata”).
- (4) Id-definizzjoni emendata tindirizza l-ħtieġa li fil-Kunsill tal-Ewropa tiġi adottata definizzjoni legali usa' u aktar xierqa ta' “reat terroristiku” sabiex jiġu indirizzati l-isfidi kurrenti u futuri relatati mal-ġlieda kontra t-terroriżmu.

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2026/... ta' ... dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll li jemenda l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni tat-Terroriżmu (ĠU L, ..., ELI: ...).

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Deċiżjoni li tinsab fid-dokument ST 8557/26 u daħħal in-numru, id-data u r-referenza tal-ĠU ta' dik id-Deċiżjoni fin-nota f'qiegħ il-paġna.

⁺⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test id-data tal-iffirmar tal-Protokoll fid-dokument ST 8688/26.

- (5) Id-definizzjoni emendata għandha l-għan li toffri valur miżjud sostantiv għall-prevenzjoni tat-terroriżmu u l-effetti negattivi tiegħu, kif ukoll għall-kooperazzjoni internazzjonali, inkluż il-kooperazzjoni għidizzjarja, l-assistenza legali reċiproka u t-talbiet għall-estradizzjoni fost l-Istati Parti għall-Protokoll u għall-Konvenzjoni.
- (6) Bil-parteċipazzjoni tagħha fin-negozjati, f'isem l-Unjoni, il-Kummissjoni żgurat il-kompatibbiltà tal-Protokoll mar-regoli rilevanti tal-Unjoni. B'mod partikolari, id-definizzjoni emendata hija kompatibbli u konsistenti mad-definizzjoni ta' "reat terroristiku" pprovduta fil-liġi tal-Unjoni kif stabbilita fl-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2017/541 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³.
- (7) Il-Preambolu tal-Protokoll jafferma mill-ġdid li jenħtieġ li l-miżuri kollha meħuda għall-prevenzjoni jew is-soppressjoni ta' reati terroristiċi fil-Protokoll għandhom ikunu f'konformità mad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali rilevanti, b'mod partikolari dawk minqax fil-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, kif ukoll obbligi oħra skont id-dritt internazzjonali, inkluż, fejn applikabbli, id-dritt umanitarju internazzjonali. Dan huwa konformi mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-obbligi tal-Unjoni skont id-dritt internazzjonali.

³ Id-Direttiva (UE) 2017/541 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/475/ĠAI u li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/ĠAI (ĠU L 88, 31.3.2017, s. 6, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2017/541/oj>).

- (8) Peress li l-Unjoni hija Parti għall-Konvenzjoni , il-Protokoll huwa miftuħ għall-iffirmar u r-ratifika mill-Unjoni. Jenħtieġ li l-Unjoni ssir parti għall-Protokoll flimkien mal-Istati Membri tagħha, peress li l-Unjoni u l-Istati Membri jikkondividu l-kompetenzi fl-oqsma koperti mill-Konvenzjoni li l-Protokoll jemenda. L-Unjoni eżerċitat il-kompetenza tagħha permezz tal-adozzjoni tad-Direttiva (UE) 2017/541. Fl-oqsma tal-kompetenzi kondiviżi, l-Istati Membri jżommu l-kompetenza tagħhom sakemm il-Protokoll ma jaffettwax ir-regoli komuni tal-Unjoni jew ibiddel il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom. Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-Istati Membri fir-rigward tar-ratifika, l-approvazzjoni jew l-aċċettazzjoni tal-Protokoll f'konformità mal-proċeduri interni tagħhom.
- (9) Il-konklużjoni rapida tal-Protokoll mill-Unjoni hija maħsuba biex tenfasizza l-appoġġ tal-Unjoni għal definizzjoni pan-Ewropea ta' "reat terroristiku", li hija mistennija li ssaħħaħ l-isforzi reġjonali u internazzjonali kontra t-terroriżmu. Il-konklużjoni rapida tal-Protokoll hija maħsuba wkoll biex tiffaċilita d-dħul fis-seħħ f'waqtu tal-Protokoll.
- (10) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-TFUE, l-Irlanda mhix qed tieġu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

- (11) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-TFUE, id-Danimarka mhijiex qed tieġu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.
- (12) Jenġtieg li l-Protokoll jiġi approvat.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Protokoll li jemenda l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni tat-Terroriżmu huwa b'dan approvat⁴.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data wara dik tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi..., ...

Għall-Kunsill

Il-President

⁴ It-test tal-Protokoll huwa ppubblikat fi ... [*daħħal ir-referenza tal-ĠU*].